MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1021/2008

**Jacqueline Perrone f'isimha proprju kif ukoll f'isem binha Nate Lucas Ciantar Perrone**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2008 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi r-rikorrenti hija bint Mario Pirrone u Josephine Pirrone nee' Galea u twieldet ġewwa Malta fil-21 ta' Jannar 1968;

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha ġie reġistrat fl-Atti tat-Twelid bin-numru 1675/68, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

Illi fl-att surriferit jeżisti żball fis-sens illi kunjom ir-rikorrenti tniżżel bħala Perrone minflok bħala Pirrone;

Illi *oltre* ċ-ċittadinanza Maltija, ir-rikorrenti għandha wkoll ċittadinanza Awstraljana u għalhekk detentriċi ta' passaport Awstraljan bin-numru L4106383, liema passaport jindika kunjom ir-rikorrenti korrettement bħala Pirrone, kopja ta' liema passaport qed tiġi hawn annessa u mmarkata 'Dok.B';

Illi sussegwentement ir-rikorrenti kellha wild bl-isem Nate Lucas, liema wild ingħata kemm il-kunjom ta' l-omm, u ċioe' tar-rikorrenti, u kif ukoll il-kunjom tal-missier, b'dan illi dan il-wild illum iġib l-isem ta' Nate Lucas Ciantar Perrone, hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 1716/08, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. C';

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, kunjom missierha, Mario Pirrone, huwa ndikat bħala Perrone, u dan minkejja illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. D', kunjomu huwa ndikat korrettement bħala Pirrone;

Illi missier Mario Pirrone jismu Virgilio Pirrone u kunjomu huwa mniżżel tajjeb fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata 'Dok. E';

Illi minn dan jifher ċar illi kunjom ir-rikorrenti huwa ndikat erronjament fl-Atti tat-Twelid u għaldaqstant ir-rikorrenti tixtieq tiprevalixxi ruħha mill-fakolta' lilha mogħtija mid-dispożizzjoni ta' l-artikolu 253(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġu rettifikati l-iżbalji li saru fl-Atti tat-Twelid surriferiti.

Titlob lill-intimat jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m' għandhiex:

Tordnalu jikkoreġi l-iżball fl-atti tat-twelid li jġibu n-numri 1675/68 u 1716/08 fis-sens illi kull fejn jidher il-kunjom Perrone dan jiġi mħassar u sostitwit bil-kunjom Pirrone.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-istess esponent in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-09 ta' Frar 2009, li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti pero' jirrileva li jirrizulta mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1675 tas-sena 1968 li d-dikjarant kienet omm ir-rikorrenti li ddikjarat id-dettalji tagħha bħala Josephine Perrone u jidher li ffirmata bħala J. Perrone'. *Inoltre*, fir-rigward ta' l-Att tat-Twelid li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1716 tas-sena 2008 jirriżulta li d-dikjaranti kienu Johann Ciantar u r-rikorrenti stess Jacqueline Perrone.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunwke każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li m'għandux ibati l-ispejjeż ta' l-istanti *stante* li d-dikjaranti fuq l-Atti tat-Twelid in kwistjoni kienu obbligati li jivverifikaw li l-informazzjoni li ddikjaraw u ffirmaw għaliha hija korretta.

3. Illi mingħajr preġudizzju wkoll, jehtieġ li r-rikorrenti tispeċifika fit-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Atti ta' l-Istat Ċivili kollha li qed titlob li jiġu korretti, jekk dan hu l-każ, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant l-esponent għandu x'jissottometti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2009 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* ta' l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet ta' l-atti ta' l-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* ta' l-artiklu 254 saret debitament.

Jirriżulta li l-kunjom ta' l-attriċi ġie reġistrat f'Malta erronjament u għalhekk it-talba hija ġustifikata. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------